**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 18 t'April, 2016**

**Rikors nru: 38/2013 MLF**

**Perit Edwin Mintoff**

**Vs**

**Portokal Limited**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tal-attur fejn talab sabiex is-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' €11,329.45 rapprezentanti VAT kalkolati bir-rata ta' 18% fuq l-ammont ta' drittijiet professjonali likwidati fil-proceduri ta' Arbitragg fl-ismijiet Dr. Edwin Mintoff vs Portokal Limited li gew decizi permezz tal-lodo arbitrali tal-4 ta' Frar, 2011 konfermat b'sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) tas-26 ta' Gunju, 2012 u li ghadhom ma thallsux.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' ittra ufficjali tat-3 ta' Lulju 2012 kontra s-socjeta' konvenuta, u bl-interessi mid-data tal-prezentata ta' dan ir-rikors sad-data tal-hlas effettiv.

Rat ir-risposta tal-kumpanija konvenuta Portokal Limited fejn eccepiet:

Illi l-pretensjoni tal-attur hija infondata fil-fatt u fid-dritt u dan ghar-ragunijiet li gejjin:

1. Kif se jigi muri fil-mori tal-kawza l-ammont ta' €62,941.42 illi l-konvenuta giet ordnata thallas permezz tal-lodo arbitrali tal-4 ta' Frar, 2011 jinkludi kwalunkwe element ta' VAT pagabbli mill-konvenuta lill-attur.
2. Illi l-ammont imsemmi ta' €62, 941.42 thallas (flimkien mal-ispejjez kif decizi mill-arbitru), kif konfermat mill-ircevuta fiskali rilaxxata mill-attur (Dok P1 anness), u ghalhekk ebda VAT ulterjuri ma hija pagabbli.

Semgħet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal din il-vertenza, u li fuqhom m'hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet, huma s-segwenti:

1. L-attur gie inkarigat mis-socjeta konvenuta biex jaghmel xoghol ta' perit fir-rigward ta' proprjeta gewwa l-Kalkara.

2. Is-socjeta konvenuta temmet l-inkarigu tal-attur u talbet lill-attur jibghat kont tad-drittijiet professjonali tieghu.

3. Fil-15 ta' Frar 2007, l-attur baghat kont lis-socjeta attrici ta' LM42,796.00, li minnhom LM36,267.80 kienu drittijiet u l-bilanc ta' Lm6,528.20 kienu jirrapprezentaw it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) bir-rata ta' 18%. Is-socjeta konvenuta ma qablitx ma dan il-kont u ghalhekk il-partijiet ftehmu li din il-vertenza tigi sottomessa ghal arbitragg.

4. Fit-22 ta' Mejju 2009, il-partijiet iffirmaw ftehim ta' arbitragg fejn *inter alia* ftehmu illi (i) l-arbitragg ikun kondott minn Arbitru wiehed, il-Perit Godwin Abela u (ii) li l-Arbitru ghandu jiddeciedi l-arbitragg skond it-Tariffa K tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili.

5. Fl-*Istatement of Claim* ipprezentat fic-Centru Malti ghall-Arbitragg, l-attur talab *"Li s-socjeta konvenuta tigi kundannata thallas lill-esponenti is-somma ta' €99,687.86 ekwivalenti ghal Lm42,796 jew somma ohra verjuri flimkien mal-interessi mill-15 ta' Frar 2007 u l-ispejjez tal-prezenti procedura, komprizi dawk tal-konsulenti legali."* Fil-paragrafu 5 tan-*Notice of Arbitration,* fejn il-claimant irid jispecifika *"the relief or remedy sought",* l-attur rega' talab *"kundanna tas-socjeta intimata sabiex thallas lir-rikorrent l-ammont mitlub* (cioe €99,687.86 ekwivalenti ghal Lm42,796)*, jew somma ohra verjuri, bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri u bl-interessi minn Ottubru 2006 sad-data tal-pagament effettiv."*

6. Illi permezz ta' decizjoni depozitata fic-Centru Malti tal-Arbitragg tal-4 ta' Frar 2011, il-Perit Abela illikwida d-drittijiet professjonali tal-attur ghas-somma ta' €62,941.42 u ordna li l-ispejjez kollha konnessi ma' dan l-arbitragg jithallsu mis-socjeta konvenuta.

7. Fl-award arbitrali ma kienx hemm decizjoni dwar l-interessi u dwar il-VAT u ghalhekk, l-attur ghamel rikors fir-rigward.

8. Fir-risposta taghha ghal dan ir-rikors, is-socjeta konvenuta issottomettiet, f'dak li jirrigwarda l-VAT, illi l-VAT ma kienx mertu tal-proceduri tal-arbitragg u ma kinietx saret talba ghalihom, u ghalhekk l-arbitru ma setghax jiddeciedi dwaru.

9. Fir-replika tieghu l-attur jissottometti li l-VAT kien jifforma parti mit-talba tieghu ghax it-talba kienet ghal €99,687.87 ekwivalenti ghal Lm42,796, u din it-talba tirreferi ghal kont li hu kien baghat fil-15 ta' Frar 2007 ghal Lm42,796, liema kont jinkludi Lm6,528 VAT.

10. L-Arbitru, il-Perit Godwin Abela, permezz ta' decizjoni moghtija fl-1 ta' April 2011 ikkonkluda illi l-interessi jibdew jghaddu mill-4 ta' Frar 2011, izda rigward it-talba ghal-VAT qal hekk: *"jichad it-talba tal-claimant u dan ghar-raguni illi fl-Award giet indirizzata it-talba tal-claimants skond il-paragrafu 5 tan-Notice of Arbitration fejn*

*taht il-heading Relief or Remedy Sought l-istess claimant talab ammont minghajr ma specifika l-inkluzjoni jew eskluzjoni tal-VAT, u ghaldaqstant l-Arbitru zamm il-parametri tat-talba u inghata l-Award abbazi ta' dawn il-parametri u m'huwiex fil-poter tal-Arbitru jmur oltre dak li gie mitlub."*

11. L-attur hassu aggravat b'din id-decizjoni u ghalhekk intavola appell quddiem il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri).

12. B'sentenza tas-26 ta' Gunju 2011, il-Qorti tal-Appell ikkonfermat id-decizjoni tal-Arbitru billi l-VAT ma kienx inkluz fil-proceduri tal-arbitragg. Il-Qorti tal-Appell qalet hekk: *"Mela allura gustament l-award arbitrali kellu jillimita ruhu ghal dak sottomess lilu, u minn dawn l-atti l-appellant stess imkien ma deher li l-VAT kien qed jigi kkalkulat, u dan inkluz mad-dokument li gie anness man-nota tal-appellant, claimaint, quddiem l-Arbitru, fil-11 ta' Novembru 2010 u ghalhekk dan l-ewwel aggravju qed jigi michud ghaliex mhux minnu dak hawn vantat li t-talba li ghamel l-appellant quddiem l-Arbitru kien jinkludi fiha l-VAT tant li l-atti promoturi u l-atti tar-riduzzjoni tat-talba certament ma jghidux dan, izda kienu qed jirreferu biss ghall-ammont li l-appellant kien qed jippretendi bhala drittijiet professjonali u xejn izjed."*

13. In segwitu ghal dawn il-proceduri, is-socjeta konvenuta hallset lill-attur is-sorte u anke l-ispejjez kif ordnati bl-imsemmija decizjonijiet, izda rrifjutat li thallas l-VAT li l-attur qed jippretendi fuq is-sorte.

14. Peress li s-socjeta konvenuta ghamlet rapport mad-dipartiment tal-VAT li l-attur kien qed jirrifjuta li johrog ircevuta tal-VAT receipt, l-attur kellu johrog ircevuta tal-VAT fuq l-ammont li rcieva ta' €62,941.42.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Il-kwistjoni li din il-Qorti trid tiddeciedi fil-kawza odjerna, huwa jekk is-socjeta konvenuta ghandhiex tigi kkundannata thallas lill-attur somma addizzjonali rapprezentanti l-VAT fuq l-ammont ta' €62,941.42 - li huwa s-sorte ghad-drittijiet professjonali tal-attur likwidati mill-Arbitru.

In-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta attrici tinkludi zewg sottomissjonijiet pjuttost kontradittorji. Fl-ewwel parti taghha, hija tissottometti li l-ebda VAT addizzjonali giet mitluba ghax dan ma kienx mitlub fit-talba ghall-arbitraggg, u tistrieh fuq il-konkluzjoni tal-Qorti tal-Appell. Fit-tieni parti taghha, is-socjeta konvenuta taghmel riferenza ghar-replika li l-attur kien ghamel quddiem l-Arbitru, fejn qal li s-somma minnu mitluba fl-arbitragg kienet tirreferi ghall-kont tieghu tal-15 ta' Frar 2007 tal-Lm42,796, liema kont kien jinkludi s-somma ta' Lm6,528 bhala VAT. Konsegwentement, skond is-socjeta konvenuta, it-talba tal-attur fl-arbitragg kienet tinkludi l-VAT u ghalhekk, skond is-socjeta konvenuta *"Wiehed ghalhekk ma jistax ma jikkonkludix illi kull somma verjuri ohra illi setghet tinghata mill-Arbitru ukoll kellha u kienet tinkludi l-VAT."*

Illi r-rizoluzzzjoni ghal din il-vertenza hija fl-opinjoni konsidrata pjuttost semplici, ghax din tali kwistjoni hija specifikatament kontemplata u regolata mill-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta li huwa l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud – li ghal xi raguni li din il-Qorti ma tistax tifhem, hadd mill-partijiet ma ghamel riferenza ghalih. L-Erbatax-il Skeda, Taqsima Wiehed, ta' dan l-Att tirregola specifikatament kif ghandha tigi kalkolata t-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghal servizzi professjonali. Il-Qorti m'ghandhiex dubbju li l-attur jaqa' fil-paragrafu 1 ta' din l-Iskeda li tiddefinixxi *"servizzi professjonali"*.

Il-paragrafu 5 ta' din l-Iskeda jirregola *"Taxxa fuq xi servizzi professjonali fejn it-tariffi tal-ħlas huma stabbiliti bil-liġi"*, li huwa appuntu l-kaz odjern fejn il-hlas ghas-servizzi professjonali tal-attur huma stabbiliti bit-Tariffa K tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Dan qablu fuqu l-partijiet stess fil-ftehim li ghamlu li jirreferu l-vertenza ghall-arbitragg, u dan huwa rifless wkoll fl-award tal-Arbitru li hadem il-varji drittijiet professjonali dovuti lill-attur fuq din it-Tariffa K.

Dan il-paragrafu 5 jippreskrivi hekk:
*"5. (1) It-taxxa li għandha titħallas fuq provvista ta' servizzi professjonali għandha tkun ta' ammont b'żieda mal-ammont li jirriżulta li għandu jitħallas għal dawk is-servizzi skont xi tariffa ta' ħlas stabbilita bis-saħħa ta' xi liġi li tkun fis-seħħ f'Malta.*

*(2) Ebda ħaġa f'din il-partita ma għandha tinftiehem bħala li teħtieġ lil xi persuna li tkun meħtieġa skont il-liġi li tistma jew tiddikjara l-ħlas li għandu jitħallas skont dik it-tariffa milli tiddikjara jew tistma ukoll l-imsemmija taxxa.*

*(3) F'kull kawża għat-twettiq tat-titolu esekuttiv imsemmi fl-artikolu 253(ċ) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, l-ammont li għalih il-ħlas jista' jkun esegwibbli għandu jkun l-ammont li jintwera fit-taxxa tal-ispejjeż in kwistjoni miżjud b'kull taxxa li għandha titħallas fuq il-provvista ta' servizzi professjonali li għalihom tirreferi t-taxxa tal-ispejjeż kif ippruvat permezz ta' fattura ta' taxxa jew irċevuta fiskali jew kopja awtentika tagħha, mehmuża mal-imsemmija taxxa.*

*(4) Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (3) ta' din il-partita għandhom ikunu bla preġudizzju għad-dritt tad-debitur li jitlob li jingħata l-fattura ta' taxxa jew irċevuta fiskali oriġinali skont il-partita 6 ta' din it-Taqsima."*

Dan il-Paragrafu 5 ma jaghti lok ghal ebda interpretazzjoni, u meta applikat ghal kaz in kwistjoni, fl-opinjoni konsiderata ta' din il-Qorti, ifisser li mas-sorte tad-drittijiet professjonali dovuti mill-attur kanonizzati fl-award tal-Arbitru ai termini tat-Tariffa K tal-Kodici ta' Organizzazzjoni, ghandu jizdied il-VAT, li jrid jithallas mis-socjeta konvenuta.

Issa huwa vera li fit-talba tieghu fl-arbitragg, li fir-replika tieghu quddiem l-Arbiru, l-attur qal li l-ammont li talab fl-arbitragg kien jirreferi ghal kont li hu kien baghat fil-15 ta' Frar 2007 ghal Lm42,796, liema kont jinkludi Lm6,528 VAT. Pero, il-Paragrafu 5(2) fuq citat jaghmilha cara li persuna li hi meħtieġa skont il-liġi li tistma jew tiddikjara l-ħlas li għandu jitħallas skont it-tariffa stabbilita bil-ligi, li tiddikjara jew tistma ukoll l-imsemmija taxxa. Fil-kaz odjern, l-Arbitru kien legalment korrett li ma jistmax il-VAT, stante li l-partijiet talbuh biss jistma d-drittijiet professjonali skond it-Tariffa K tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili u ma talbuhx ukoll jistma il-VAT fuq l-ammont minnu likwidat. Il-fatt li l-attur indirettament inkluda l-pretensjoni tieghu ghal VAT fl-atti promoturi tal-arbitragg ma jbiddilx il-posizzjoni legali, ghax huwa kien prekluz li jinkludi din il-pretensjoni, in vista tal-ftehim milhuq precedentement mas-socjeta konvenuta.

Rigward il-likwidazzjoni tat-taxxa, fir-rikors promotur l-attur talab li s-socjeta konvenuta thallsu l-ammont ta' €11,329.45, li huwa l-VAT kalkolat bir-rata ta' 18% fuq id-drittijiet professjonali tieghu ta' €62,941.42, kanonizzati favur tieghu mill-Arbitru.

Fl-ahhar paragrafu tan-nota ta' sottomissjonijiet finali taghha, is-socjeta konvenuta tissottometti, minghajr pregudizzju ghas-sottomissjonijiet precedenti taghha illi *"skond l-ircevuta li nharget mir-rikorrent, jekk l-ammont totali bil-VAT huwa ta' €62,941.42, l-element ta' VAT minn dak l-ammont li r-rikorrent kellu jhallas lid-Dipartiment tat-Taxxi huwa ta' €9,601.23 u mhux dak ta' €11,329.45, hekk kif pretiz mir-rikorrent."* Din is-sottomissjoni tammonta ghal eccezzjoni ulterjuri.

Il-Qrati Maltin ippronunzjaw ruhhom diversi drabi fuq eccezzjonijiet li jitqajjmu fi stadju ulterjuri tal-kawza. Fis-sentenza deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)[1] fl-ismijiet **Pace Associates Limited vs Drawing Techniques Limited** fis-7 ta' Dicembru 2005, gie ritenut is-segwenti:

*"B'introduzzjoni ghall-ezami u decizjoni tal-ewwel aggravju jigi qabel xejn notat illi skond kif provvdut fl-Artikolu 728 (1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u bla hsara ghad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 731, "l-eccezzjonijiet kollha, sew jekk dilatorji jew dwar il-meritu ghandhom jinghataw fin-nota tal-eccezzjonijiet jew fir-risposta skond il-kaz. Dawk l-eccezzjonijiet li jolqtu l-meritu ghandhom jinghataw bla hsara ta' dawn l-eccezzjonijiet dilatorji." Jissokta jinghad fis-subinciz (2) tal-precitat Artikolu 728 illi "ebda eccezzjoni ohra ma tista' tinghata f'waqt iehor tal-kawza". L-unika deroga hi dik fejn il-Qorti tkun sodisfatta li jezistu ragunijiet ohra fin-nota jew fir-risposta;*

*L-imsemmija provvedimenti tal-ligi gew approfonditi sew fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell in re "**John Mary Vella et -vs- Winston Azzopardi nomine**", 6 ta' Ottubru 1999, ghal liema konsiderazzjonijiet fiha kontenuti qed issir pjena referenza. Brevement, minnhom jitnissel illi n-nota tal-eccezzjonijiet, oltre li kellha ssir fil-forma preskritta mil-ligi u bil-partikolaritajiet dettati mill-Artikolu 158 tal-Kapitolu 12, kellha tassattivament issegwi r-regola normativa kontenuta fl-Artikolu 728 (1). Li jfisser li min ikun imsejjah f'gudizzju u jrid jikkontesta t-talba ghandu fiz-zmien utli stabbilit jipprezenta nota li fiha jkunu migbura l-eccezzjonijiet tieghu "kollha", sew dilatorji, sew dwar il-meritu;*

*Kif saput, il-procedura hi ligi ta' ordni pubbliku u, allura, jekk il-provvediment tal-ligi jippreskrivi certu konvenzjonizmu, kemm ta' forma jew ta' kontenut, mhix ammessa interpretazzjoni ohra hlief dik letterali, u hi din li ghandha tigi osservata u segwita."*

[1] *Per* Imhallef Philip Sciberras.

Fis-sentenza in parte fl-ismijiet **Sunspot Tours Limited vs C.H. Caterers Limited** deciza fis-16 ta' Dicembru 2003, il-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) irriteniet hekk:

*"L-Artikolu 728 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi li l-eccezzjonijiet kollha sew dilatorji kemm dwar il-meritu ghandhom jinghataw fin-nota tal-eccezzjonijiet jew fir-risposta, b'dana li l-Qorti tista`, meta tkun sodisfatta li kien hemm ragunijiet validi tippermetti li jinghataw aktar eccezzjonijiet meta ssir talba b'rikors. Dawn il-provvedimenti ma japplikawx ghall-eccezzjonijiet ta' natura perentorja li, skond l-Artikolu 732 jistghu jinghataw ukoll fil-qorti fi grad ta' appell ghalkemm ma jkunux gew moghtija fil-qorti tal-ewwel grad."*

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)[2] fil-25 ta' Frar 2004 fl-ismijiet: **Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Raymond Azzopardi** fejn gie ritenut hekk:

« *Jinsab provvdut fl-Artikolu 728(1) tal-Kap. 12 illi l-eccezzjonijiet kollha, sew jekk dilatorji jew dwar il-meritu, jinghataw f'nota tal-eccezzjonijiet jew f'risposta skond il-kaz. Strettament ghalhekk l-eccezjonijiet li ma jinghatawx, skond kif hawn preskritt, ma jistghux jitqajmu la f'nota tal-osservazzjonijiet u lanqas fid-dibattitu orali ghaliex altrimenti l-Qorti ma tiddecidihomx (Ara Kollez. Vol. XXXIV p1 p410 u Vol. XXXVIII pII p583)."*

Fil-kaz odjern, is-socjeta konvenuta ma kien hemm l-ebda raguni - u s-socjeta konvenuta lanqas ippruvat tiggustifika – ghalfejn din l-eccezzjoni fil-meritu ma gietx sollevata fir-risposta taghha ghar-rikors promotor, izda ghazlet li tissollevaha fin-nota ta' sottomissjonijiet finali taghha.

Fid-dawl tal-insenjament tal-gurisprudenza fuq kwotata, din il-Qorti ma tistghax tiehu konjizzjoni ta' din l-eccezzjoni ulterjuri tas-socjeta konvenuta sollevata fi stadju inoltrat tal-proceduri, u senjatament fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, u dan minghajr il-permess ta' din il-Qorti.

---

[2] *Per* Imhallef Philip Sciberras.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta konvenuta, u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-eccezjoni ulterjuri taghha sollevata fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, il-Qorti tilqa' t-talba tal-attur, u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' hdax-il elf tlett mija u disa' u ghoxrin Euro u hamsa u erbghin centezmu (€11,329.45), bl-ispejjez, komprizi dawk ta' ittra ufficjali tat-3 ta' Lulju 2012 kontra s-socjeta' konvenuta, u bl-interessi mid-data tal-prezentata tar-rikors promotur sad-data tal-hlas effettiv.

**(ft) Maġistrat**
**Vera kopja**

**Deputat Reġistratur**